# Proġett

# ĊENTRU MĦABBA

# Minn

# DONINU MALTA

# Naħdmu Flimkien: ĊENTRU MĦABBA

( Jew isem ieħor, ma tagħmilx differenza)

## Daħla: Proġett u Ministeri

B'koperazzjoni tal-Ministri kollha tal-Gvern/NGO/Fundazzjonijiet, kulħadd għandu jkun parti minn dan il-proġett inkluż il-poplu ġenerali.

Qed inħejju proġett, li fih għandu jibbenefika kulħadd, u l-proġett huwa ta' kulħadd. Dan qed issir biex naqdu flimkien nies ta' rieda tajba u vera jridu jaħdmu għall-vulnerabbli biex nippruvaw nagħqdu l-għodda tal-Gvern f'daqqa fejn il-gvern preżenti għandu l-għodda kollha biex jaħdem.Nirringrazzja lil ċertu Ministri, u ħbieb tagħna, li lilna żammewna ħajjin, għax kemm il-darba ridt li nieqaf. Imma għalijha kienu ta' għajnuna biex inkomplu inkattru l-ġid lill-Vulnerabbli.

Qed naħdmu flimkien ma' ħafna għaqdiet/NGO/federazzjonijiet/VO kemm Maltin kif ukoll mill l-Ewropa. Hawn ħafna NGOs ta' veru, li jaħdmu, u kif dejjem għidt dawn qed jintilfu ftit ftit. Imma hemm ħafna NGOs żgħar li dalwaqt jiġbdu l-bibien tagħhom, għaliex ħadd mhu jagħti kashom? Għaliex kulħadd qed jinjorhom? Għaliex dawn in-nies ta' qalb kbira, li għandhom magħhom mhux tfal Maltin? Jew mhux persuni Maltin?

Il-Proġett tagħna se jikkonsisti, u qed naqduħ flimkien, biex nagħmlu l-ġid lil kulħadd. Dan huwa l-proġett tagħna iktar miftuħ, u jista' jkun hemm xi tibdil ukoll iżjed il-quddiem, fejn wieħed jista' jsib fejn jista' jiġu avvanzati jew tibdil għal aktar soluzzjonijiet li jkunu ta' għajnuna għall-poplu jew iktar aħjar għal min hu vulnerabbli.

F'dan il-proġett irridu veru INKLUŻJONI ta' kulħadd, l-importanti hu li jkun qed joħroġ il-ġid minn dan il-proġett. Din il-kelma hija ta' baħar bħal oċean. Fejn għadna ħafna l-bogħod, anke L-NGOs stess għadhom lura, għaliex qatt ma urejnihom l-affarijiet veru kif imorru.

**DONINU MALTA**
Spalla ghal kulhadd
Mobile: 79793332 / 79736655
Email: info@doninu.eu

## Annex 1: ( Dar ghal Homeless

**Id Dar CHASAN,** Hija dar għal *Homeless*: (Data tal festa 27 ta Novembru li se tibda issir kull sena, u se tissejjah FESTA FAMILJA INKLUZJONI WAHDA)

Din id-dar se topera b'differenza kbira mix xelters oħra, fosthom ir-residenti li se jiġu, iridu jagħddu mill-programm li aħna qed inħejju għalihom. Dan aħna pruvajnieh diġa, għalkemm ma stajniex nagħtuh kif xtaqna aħna, tgħallimna minnu u wassalna għal ħafna konklużjonijiet, fejn il-bażi kollha huwa biex tqajjem bniedem fuq saqajh huwa x-xogħol, jekk ma nitilqux minn hemm, qatt mhu se jqum fuq saqajh, anzi, qed inkomplu nasqu fl-ilma għalxejn. Aħna qed nipproponu li l-persuna, kif tidhol bħala residenti ġo din id-dar, għanda l-ewwel xagħrejn, biex flimkien mal-persuna, inkissru ktajjen oħra li jeżistu wara il-kelma *HOMELESS*, għax wara dik l-istampa hemm u jeżistu ħafna problemi oħra, li għadna nresqu l-persuna, u tkun taħt *Social Worker*, li ħafna minnhom diġa qegħdin, iżda jinqata l-Burokrazzija, li jkunu taħt xi 4 jew 5 social workers differenti, fejn minn qed jgħin biex dawn isibu xogħol. Imbagħad issib oħrajn jgħidulek mhux healthy li jaħdem? Aħna qtajna qalbna minnu. (Il-persuna li għadna fil-preżent kellhom qalbhom maqtugħa minnhu, Imma aħna wassalna, li llum qed iffendi għar-rasu, biss għadna qed nipprovdulu d-dar aħna, bil-kundizzjoni li kif jieqaf mix-xogħol dan jerġa jispiċċa barra). Dan kollu sar bil-ħidma sħiħa, li ħdimna flimkien, mal-JobsPlus, mal-FSWS, u mal-Poplu Ġenerali poplu li jekk titolbu jxammar il-kmiem, taraħ ixxammar u jaħdem, bħala volontarjat. Regolamenti ta' din id-dar huma varji, u magħmula b'tali mod, biex bniedem isib saqajh, ngħinu lill-persuna jerġa jsib saqajh fis-soċjetà, u jerġa jibda jgħix. Ma jfissirx li aħna se nagħmlu l-mirakli tafux, imma se nippruvaw nagħmlu l-ġid. Kull persuna tinduna li qeda fl-iżball meta mhux tiġi wiċċha fl-art biss, imma meta tibda tħaffer il-ħofra u togħdos taħt l-art. U dan ikun żmien opportun li inbiddlu l-ħajja ta' dik il-persuna. Jekk ittuna ċans li ngħinu aħna inkunu hemm lesti biex nagħtu l-għajnuna tagħna u naħdmu id f'id mal-gvern preżenti u nużaw l-għodda li diġà qed jipprovdi l-Gvern.





# Annex 1A: Showers

Biex nilħqu dak li hemm nieqes fis-sistema tal-llum, dawk il-persuni li huma *homeless*, u bdew jaħdmu, u kif kulħadd jaf l-ewwel xahar, ma jkollomx 1c fil-but, ser noffru għalihom fejn dawn ikunu jistgħu jieħdu *shower* sad-9.00pm , biex b'hekk ir-riskju li jitilfu x-xogħol, innaqsuħ kemm jista' jkun. Dan il-għaliex li din il-faċilitata diġà teżisti minn NGO oħra imma miftuħa biss sa' 3pm, u kif ġa għidt u ghaddejna minn din l-esperjenza bniedem li jaħdem ma jlaħħaqx mal-ħin. B'hekk ikun hawn sistema kompluta għal dawn iċ-ċittadini.



# Annex 1B: Soup Kitchen B'differenza.

Din is-soup kitchen ukoll, se tkun hemm biex issib u tagħmel u tikkoreġi s-sistema li diġa hawn. Malta jeżistu ħafna soup Kitchens, jien naf bi 3 per eżempju, ma nafx jekk hawnx iżjed. Imma dan ukoll jaħdmu biss minn 12.30pm sat-3.30pm, fejn l-istess problema inħolqot għal dawk li jaħdmu. Aħna se noffru dan is-servizz sat-8pm, l-istess għal dawk li jaħdmu, u li għadhom ma qabdux l-ewwel paga, biex ikunu jistgħu isostnu lilhom infushom. Veru li mhux se jkollna kwantità kbira ta' persuni, imma l-ftit li jkunu, jkollhom x'imkien fejn jieklu. Dawn qed ngħiduħ, għaliex diġà iltqajna ma' dawn il-problemi. Li fil-fehma tiegħu. Huma ta'fkiel lil min veru jrid ibiddel ħajtu. Qed ngħid dan kollu, għax dawn l-affarijiet huma importanti ħafna, jekk iridu inbiddlu l-ħajja ta' dawn il-persuni. Għaliex minn ma jrid jagħmel xejn, għandu l-ikel kuljum jew jista' jkun li jmur jiekol darbtejn, wara nofsinhar, u minn irid vera jibdel ħajtu dan isib il-bibien magħluqa. U dan ngħidhom biex nuri r-realtà tal hajja. (Ħafna jgħidulhek hemm djar li jagħtu l-ikel filgħaxija ukoll. Huwa veru minnhu, imma dawn id-djar l-ikel ta filgħaxija huwa biss għar-residenzi ta' din id-dar. Li ħafna minnhom ma jridux jaħdmu, u b'hekk qed ikollhom kuljum l-ikla ta' nofsinhar u ta filgħaxija mir-residenza -Xelter)



# Annex 1C. Half way Houses.

Din hija xi ħaġa oħra li din m'hijiex immedjata, fejn il-gvern diġa għandu l-għodda għaliha wkoll, u aħna lesti insaħħu din l-għodda aħjar. Wara ċertu żmien, il-*Homeless* ikun reżidenti magħna, u naraw li qed jaħdem u naraw li huwa kapaċi biex iffendi għal rasu, għaliex mid-dar tagħna se jitgħallem ħiliet bażiċi ta' kuljum, bħal issajjar, inaddaf, eċċ. Kif din il-persuna naraw li tista' tibda taqdef għal rasha għax ikollha xogħol eċċ, aħna nistgħu nagħqdu 3 persuni, li flimkien jikru post, fejn il-gvern bl-għodda li teżisti diġà, il-Housing Authority tħallas id-depożitu, u l-ewwel kera, imbagħad il-kera tinqasam bejn dawk it-tlieta li qed jgħixu flimkien. Jekk wieħed ma jibqax jaħdem kapriċċ tiegħu, dan għandu jerġa jittieħed lura fir-residenza tagħna, u min floku jintbagħat xi ħadd ieħor fil-*half way house*. Regolamenti ta' kollox irridu noħorġuhom meta nkunu kważi wassalna. Għaliex jista' jkun hemm ħafna tibdil fihom. Imma dan qed ikun proġett fi proġett, biex dejjem inkun tajna il-qasba u mhux il-ħuta. Proġett għal minn veru irid li jqum fuq saqajh, u jitlaq il-ħajja l-antika.



## Annex 2: L-Annimali u il-Gnien jew recriation Area:

Aħna qed nipproponu apparti d-dar tal-*homeless*, (annex 1) li se jkollha parti kbira f'dan il-proġett, qed ngħidu, li se jkun hemm fih ġnien jew area kbira, fejn isiru ukoll f'dan il post, annimali (li diġa hemm NGO/Group ) li beħsiebu jidħol magħna għal din l-area (anke diskussjoni għaddeja mas-segretarja Parlamentari) Fejn dawn l-annimali, ikunu ta' attrazzjoni tajba, speċjalment għal Persuni b'Diżabilita, kif kulħadd jaf l-annimali huma mezz ta' terapija għal dawn il-persuni. Dan il-post ukoll għandu jkollu inklużjoni sħiħa, għaliex se jservi ukoll għal anzjani, li spiċċaw inpoġġuhom ġewwa ċentri tal-ġurnata biex jilgħabu t-tombla, li aħna nemmnu li dawn l-anzjani għandhom ikollhom żvog differenti ukoll. Iservi għal familji li jieħdu prijorità l-familji li għandhom persuni b'diżabilità, jew forsi huma l-ġenituri huma b'diżabilità, fejn ikollhom Picnic area fl-istess ġnien, magħmar ukoll B'Bar bi queues żagħar li dik il-familja għanda fejn tieħu Pjaċir, u qegħdin f'ambjent pjaċevoli, u waqt li jkun hemm inklużjoni sħiħa bejn kulħadd. Dan il-ġnien għandu wkoll isservi biex kull NGO TA' VERU, ikollha post li jingħata b'xejn lilha biex itellgħa l-attivitajiet tagħha, kemm barra kif ukoll fit-teatru, għandu jkun hemm restorant u pub, fejn Persuni żagħżagħ imsejsa normali ikollhom fejn jieħdu gost u inbeduhom minn vizzji oħra, u kif ukoll għal persuni b'diżabilità. Filwaqt li dan ir-restorant għandu jkun kollox issussidjat, u fih ikun hemm persuni b'diżabilità, speċjalment żagħżagħ b'diżabilità, fejn hemm ukoll wara li tkellimt ma' nies esperti u li dak li qalu li għandhom raġun, tfajla b'diżabilità mentali (Slow Learner għandu jkollha hemm ġew stess żagħżagħ oħra li jservu ta' assistent personali għal din il-persuna, fejn il-ġenituri jwaslu lil din it-tfajla hemm u jkun hemm min jieħu ħsieba, u b'hekk naqtgħu ftit mid-dipendenza tal-ġenituri, li ukoll tgħin mentalment, li tfajla/ġuvni ikunu indipendenti, aħna qed inħarsu lejn tmiem il-ġimgħa u wara l-5pm, kif diġà qed isir ħafna qed jużaw l-assistant personali li dawn qed jitħallsu mill-gvern. Ejja nagħmlu veru inklużjoni sħiħa. Fl-istess waqt dan il-proġett jibqa' ħaj, u dan jibqa' jagħti servizzi kemm jista'. Nużaw ir-riżorsi sewwa, u magħhom nagħqdu l-volontarjat, se niftħu s-setturi aktar hawn taħt.



**DONINU MALTA**
Spalla ghal kulhadd
Mobile: 79793332 / 79736655
Email: info@doninu.eu

# Annex 2A: L-annimali:

Kif spjegajt f'annex 2 , l-annimali se jkun f'dan il-post, fejn se jiġu ikkurati, minn NGO tal-annimali stess. Imma dawn l-annimali se jsir, ejja ngħidu farm ċkejken imqassam mal-area Kollha, fejn dawn l-annimali apparti li jkunu ta' attrazzjoni għal min ikun fil-park, ikunu ukoll ta' terapija għal min għandu bżonn. Tkellimna diġa ma' grupp ta' nies li huma lesti jieħdu f'idejhom dan il-proġett. Li x-xewqa tagħhom kien li jiftħu Santwarju tal-annimali. Fejn wara li tkellimna jien flimkien magħhom, qbilna li għadna nagħmlu l-ġid. Tgħiduli santwarju mhux jagħmel il-ġid? Le tafux, qed isir ġid ukoll, imma naħseb jien flok niftħu iktar santwarji. Nużaw kollox bil-għaqal, u inhaltu kollox flimkien, għall-ġid ta' kulħadd. Għalhekk dan iċ-ċentru huwa ta' kulħadd għal Kulħadd.



## Annex 3: L-anzjani:

L-anzjani huwa suġġett vast ħafna, imma nemmnu li bi ftit sforz naslu ukoll, meta qed nitkellem rigward l-anzjani qed ninkludi l-anzjani kollha, dawn li huma residenti ġo djar privati, dawk li għadhom jgħixu ġewwa djarhom, dawk li jmorru id-*day care centre*. Kulħadd kif ukoll l-anzjani li huma b'diżabilità.

Mela f'dan imsejjaħ ġnien, jew area fejn se jkun hemm l-annimali, l-anzjani se jiġu ġurnata (qed ngħid mid-9am sat-3pm bejn dawn il-ħinijiet, fejn ikollhom ftit logħob addattat għalihom, u fl-Istess ħin naqra żgħira eżerċizzju, ikun hemm ukoll postijiet ġewwa fejn ikun hemm *games room*, li huma iħossuhom għadhom fis-soċjetà, fl-istess waqt li jkunu hemm dawn l-anzjani, affarijiet sempliċi ħafna li jieħdu l-kura tas-saħħa tagħhom, billi dejjem minn irid, titieħidlu l-pressjoni, jista' jkun ukoll jittieħed qari taz-zokkor (fejn dawn huma affarijiet żgħar ħafna li ma jiswewx flus), Ikollhom talks, minn nies differenti, naqduhom ukoll ma tfal u żagħżagħ oħra, u jitkellmu magħhom, hemm programmi sħaħ x'jista' jsir, bla ma l-gvern jonfoq flus. Biex l-anzjani jħossuhom importanti u jekk xi anzjani jkollhom bżonn jitkellmu ma' xi ħadd, jista' ikun hemm uffiċċju, fejn dawn l-anzjani jkollhom ma' xi ħadd li jistgħu jiftħu qalbhom miegħu. Jekk naraw xi problemi li qegħdin għaddejjin minnhom, kif nafu ħafna anzjani ma jitkellmux, għax jibżgħu, imma aħna irridu jkun hemm backup għal dawn in-nies. Naraw li dak li joffri l-gvern, dan qed jieħdu, fejn nafu li ukoll hemm min qed japprofitta ruħu, biex jakkwista aktar ġol but. Isir ukoll terapija għal dawn l-anzjani. Il-Programm huwa vast ħafna, u diġà qiegħed mill-gvern hemm, imma bħal kollox nerġa ngħid ikun hawn minn japprofitta ruħu mis-sistema. Dawn l-affarijiet qed ngħiduhom mhux għax aħna bravi, imma għaddejna minnhom, u missejna b'idejna aħna u rajna b'għajnejna. Mhux għax xi ħadd qalilna. Il-gvern għamel ħafna affarijiet tajbin, u ta lill-anzjani d-dinjita li jixirqilhom, imma fl-istess ħin, hemm minn sab biex iddur mas-sistema biex jitfa' aktar profitti fil-but. Fuq dan aħna lesti naħdmu id f'id mal-ministru, biex flimkien intejbu u ma nħallux abbuż isir minn sistemi tal-gvern.
Hemm jistgħu wkoll isiru kompetizzjonijiet taż-żfin taż-żmienhom, kompetizzjonijiet tat-tisjir (fejn nagħqdu magħna studenti tal-ITS), eċċ. Jista' wkoll jingħaqad magħna l-gvern lokali.




# Annex 4: It Tfal ( Edukazzjoni)

It-tfal, ukoll jistgħu jagħmlu użu minn dan iċ-ċentru, billi, mill-iskejjel għandhom jibdew jiġu gruppi ta' tfal, kemm dawk li huma Normali kif ukoll dawk b'diżabilità (INKLUŻJONI), fejn l-istess ikun hemm attivitajiet għalihom, b'mod edukattiv, bħall per eżempju jagħlmu ftit First Aid, imma mhux kif nafu t-tagħlim taż-żmien in-nanna, illum jista' jsir tagħlim, bl-azzjoni li tinħoloq, fejn dawn it-tfal hemm fejn (tidħol NGO oħra tal-first aid jew id-dipartiment tas-saħħa), isiru logħob, kif ukoll kompetizzjonijiet bejn l-iskejjel, tat-tisjir, tpinġija li tkun marbuta mas-suġġett, kompetizzjonijiet tal-football, eċċ. Attività li t-tfal jieħdu gost, u apparti li jieħdu gost qed nagħtu tagħlim, lil dawn it-tfal. Kif ukoll Jista' ikollhom talks ġewwa l-iskejjel, tagħna, u hemm fejn tidhol li kulħadd għandu jingħaqad. It-tfal għandhom ikunu ppremjati, mhux kemm jafu skola biss, imma kemm veru jgħinu lil xulxin. Aħna nemmnu ħafna li għall-volontarjat tant kemm nies naqsu, irridu nibdew nerġgħu minn isfel nett, u nibdew mit-tfal. Nieħdu ħsieb naraw li t-tfal veru qegħdin jgħixu ħajja diċenti u kif tixraq ilhom. Nafu każi li kellna aħna, tifla ta' 13 il-sena, irribellat, u qed tagħmel affarijiet mhux f'posthom, u li huma kemm ta' periklu għaliha kif ukoll ta' periklu għas-soċjetà u l-familja tagħha. Meta se nippruvaw niddrittaw iz-zokk mgħawweġ? Meta ma nkunux nistgħu? Dan jaf bih il-Ministru Byron Camilleri, li kien pront biex jirrispondi, u ħa azzjoni mill-ewwel, biex rajna kif nistgħu ngħinu lil din il-familja. Imma mhux każ uniku ta' din it-tifla. Eżempju ieħor kellna Tfajla li għall-liġi għanda 18-il sena, imma moħħha jaħseb ta' tifla ta 12-il sena, fejn spiċċat abbużata, u mmanipulata minn raġel ta' xi 50 sena jew aktar, u dan kollu ġara f'postijiet li ħadd ma jobsor li qed isiru. Hemm tfal oħra li qed ibgħatu fis-skiet, għaliex jibżgħu jitkellmu. Ejjew flimkien nagħmlu xi ħaġa, għal dawn ukoll. Ħafna drabi, it-tfal jiftħu qalbhom ma persuni li jafdaw huma biss. Għaliex il-biża tkun kbira. Għandek il-bullying, li hemm ukoll il-bully tkun hemm xi ħaġa ħażina f'ħajtu. X'imkien f'ħajtu hemm affarijiet li huma ħżiena, għax int jekk tkun maħbub fil-hajja tkun taf tħobb lil ħaddieħor. Dik hija l-loġika. Fl-edukazzjoni hemm ħafna xi jsir ukoll. Eżempju tajjeb, LSE li jieħdu ħsieb tfal, li hemm minn jidħol biss għal paga. Aħna lesti li nagħmlulhom korsijiet speċifiki għalihom, biex ikunu jafu kif jaħdmu ma' dawn it-tfal. Aħna nifhmu li ħadd m'għandu jbagħti żejjed, imma illum hawn l-affarijiet hawn l-għodod biex taħdem, li ħafna minn dawn l-għodod qegħdin ġo l-iskejjel għalxejn. Hemm ħafna iżjed x'jista jsir għat-tfal. Jien naf bit-tajjeb, li l-ministru tal-edukazzjoni, jagħmel ħiltu kollha, biex ikun ta' għajnuna, u li jmexxi dan il-ministeru il-quddiem u bl-ikbar ħils, imma nemmen, li hemm minn qed jagħmel il-bsaten fir-roti.

# Annex 5: Ghajnuna socjali:

Grazzi għal dan il-Ministeru, li ħadd ma jimmaġina l-ġid li qed jagħmel f'dan il-pajjiż. Flimkien mad-dipartimenti tiegħu fosthom l-ikbar wieħed, FSWS, li aħna ħdimna miegħu id f'id u li huma mgħobbijin b'ħafna xogħol, imma minkejja hemm minn jagħti ħinijiet twal, biex jgħin il-persuna, hemm oħrajn għax nimbuttawhom ftit, jiddejqu, u l-iskuża hi minħabba l-protezzjoni tad-data (meta fil-fatt aħna kull każ li jkun għandna, aħna nitolbu li timtela formola, fejn aħna nitkellmu għall-persuna kif titlob il-liġi. F'każi biss li huma ta' raġuni ta' emerġenza ma jkollniex din il-karta ffirmata) fejn nies ta' veru jgħinu u jgħinuk tegħleb kull diffikultà. Hemm oħrajn li diffiċli biex iċċaqlaqhom. Nista ngħid li ħafna każijiet ġew solvuti minn dipartimenti oħra li ma għandhomx x'jaqsmu xejn mal-każ. Jew anke ma niddejjaqx ngħid minn ministeri. Grazzi lil kull minn għina biex insolvi każijiet. Grazzi Ministru u l-ħaddiema tiegħek fil-ministeru. Ejjew naraw u nisimgħu lin-nies, aħna ngħinu irridu. Niddejjaq li kull darba indur fuq il-ministru, jew fuq l-istess nies, biex jidderiġuni, x'għandi nagħmel.

Nifhem li dan il-ministeru li għandu fuqu s-soċjal (Ir-Ruh Soċjali). Qiegħed jaħdem u jgħin kemm jista', imma jien nemmen li kulħadd irid jaqbad idejn xulxin, biex nimxu l-quddiem. Fil-ħajja xejn ma jista' jkun perfett, u dak li hu perfett illum ma jfissirx li hu perfett għal għada. Anke dan il-proġett tagħna, minn mindu bdejna sal-llum il-linji gwida li bdejna bihom iridu jiġu maqluba u mibdula. Għaliex? Meta tmiss mal-persuna umani, hija diffiċli issib il-bilanċ, għax kull persuna, għanda storja tagħha, li għalkemm il-qoxra minn barra tista' tkun simili bħall ta' oħrajn, il-paġni, ta' ġewwa huma differenti, għax kull bniedem għandu l-istorja tiegħu u ta' ħadd ma hi bħal ta' ħadd iehor.



## Annex 6: Ħidma Kollettiva:

Ngħidu li l-ħidma kollettiva għanda tkun hemm. Kemm ma' NGO's TA' VERU kif ukoll mal-Gvern u anke mal-poplu. Nemmnu li ħafna riżorsi li qegħdin hemm biex NGO jiġu mejhuna u inħalluhom jaħdmu. Anzi inkunu punt ta' referenza għalihom, għandu jkun miftiehem u maqbul ma' kulħadd. Aħna nixtiequ li inkunu ta' leħen dawn in-nies, nies iħalluhom jaħdmu kif inhuma issa, Awtonomi. Imma fl-istess ħin inkunu hemm aħna li nipprovdulhom l-għodda li jkollhom bżonn. Is-sistema illum qegħda ħazin ħafna, fejn hemm ħafna ħabi, jew anke abużż mis-sistema. Dan rajnieh aħna stess, li nemmen li kieku ma kontx jien, bl-għajnuna ta' ministri, ex ministri, eċċ, kienu jaqtawna saqajna qabel biss bdejna. Bil-kliem ħafna ħlewwa, imma imbagħad dan ikun duħħan fl-arja. Ħafna tixjir ta' karti, bil-liġijiet, meta nsibu il-kontra ta' dak li ntqal. Ħafna mil-ligijiet m'hemmx għalfejn tkun avukat jew xi ħadd li taf il-liġi, għaliex nemmnu li ebda gvern mhu se jagħmel liġijiet kattivi, biex ma jgħinx liċ-ċittadini tiegħu. Insemmi waħda minnhom biss, li sal-lum qatt ma ġiet risposta bil-miktub, imma bil-parolli intqal li aħna qed niksru l-liġi. A) Il-liġi li niġbru affarijiet użati, li ħafna minnhom ikunu se jintremew, bħal ħwejjeġ, bħal xi biċċa għamara, li dawn ma ninsewx huma ta' sidhom u mhux tal-gvern. Imma għax aħna tlabna per eżempju gwardarobba, u li ta' minn hi, qaltli fuq it-telephone, il l-aħwa DONINU eżatt ilħaqtni, għax kont ser inċempel lil kunsill biex jibgħat il-*bulky refuse*, biex jiġu jeħduha. Dan kien il-kliem eżatt, din il-gwardarobba għal din il-familja kienet żejda, imma għall-bniedem *homeless* kienet xi ħaġa kbira. Fejn aħna ġejna viljament mgħedda li qed niksru l-liġi. Nixtieq nistaqsi jien, hija veru li minn ikollu xi ħaġa, u jixtieq jagħddiha lil persuna li għandu bżonnu qed jikser il-liġi? Għax ħa ngħidilkhom kieku għandi sentenza kbira jien, għax ksirta ħafna din il-liġi. Ejjew inkunu Umani, ejjew inkunu B'Ruħ Soċjali veru, u dawn in-nies li hemm li kibritlhom rashom, inpoġġuhom f'posthom u inġelluhom jimxu mal-ħidma tal-gvern għall-ġid taċ-ċittadin.

Kas ieħor fejn qalilna li aħna qed niksru l-liġi, għax din importanti ħafna, Hi li l-gvern jew kull Dipartiment tal gvern ma jistax jgħin liċ-ċittadin tiegħu, għax m'intix NGO, jew VO. Qed naħseb biex niftaħ NGO għas-sagristani tafux biex ikolli VO u inkun nista' niġbor ix-xemgha (Infakkar li aħna qegħdin Volontarjat, u la niġbru flus minghand in-nies, u lanqas nieħdu flus mingħand il-gvern). L-ewwel nett aħna mhux qed nitolbu għajnuna minn dipartimenti jew ministeri, aħna qed nagħtu għajnuna f'ħidma ma dawn id-dipartimenti u ministeri. U iżjed minn hekk, aħna qed nitolbu għajnuna għaċ-ċittadin Maltin, għal ħutna Maltin.

Għaliex dan il gideb kollu? Minn dipartiment partikulari, li jaqa' taħt il-ministeru tal-Volontarjat u l-INKLUŻJONI. Iż-żewġ pilastri li aħna qed naħdmu għalihom, għal Kulħadd u għal ħutna Maltin. Nerġa nirrepeti dan kollu, le aħna ma naħdmux ma NGO's li qed jistaħbew taħt il-volontarjat, u kellmuna biex noħorgu nipprotestaw, u aħna ma ridniex. B'dawn in-nies qed nieħdu gost? Lil dawn in-nies irridu nipproteġu? Jew hemm xi skopijiet ulterjuri maħmuġin u moħbija?

Forsi qed nitkellem hekk għax ninsab imweġġa, u bħali hawn ħafna NGO's ta' Veru li huma imweġġgħin. Imma kif jippruvaw jiftħu ħalqhom jiġu megħdda, li jalqulhom l-NGO. Dawn huma affarijiet li m'għandhomx ikunu fil-pajjiż tagħna, speċjalment taħt Gvern Soċjalista li dejjem kien hu għar-RUĦ Soċjali.

Nemmen il-karità m'għandiex tintuża bħala ballun Politiku. Imma iva, bir-rispett kollu hawn minn irid jagħmilha ballun politiku.

Ejjew Ministri ta' Rieda tajba, inkunu aħna li nwaqqfu dawn l-affarijiet, qabel ikun tard wisq. Diġà l-volontarjat qiegħed imajna, ma nħalluħx imut, imma għadna inkunu wiċċna l-fuq, fejn inkunu kburin, li qed nagħmlu minn kollox. U ma nħallux lil min għandu f'moħħu affarijiet moħbija biex ikisser dan is-settur, li baqa ġej magħna min żmien missirijietna.

Jien nemmen li dan il-proġett tagħna, lill-gvern se jiswielu ħafna inqas flus, milli qed jonfoq bħalissa, żgur u mhux forsi, b'ħafna pagi, u uffiċċji li qegħdin hemm, biss, biex jeżistu.



# Annex 7: il Finanzi ta Doninu:

Bħala Finanzi kollox li jinġabar jew dak li nieħdu mill-gvern jew EU. Aħna nemmnu jew ikun hemm Kumpanija tal-awditjar imqabbda mill-gvern, kif ukoll għandu jkun hemm il -ministeru tal finanzi li jkun il-kontroll ta' kollox, jew isiru bord maħluq mill-Gvern flimkien mal-privat, li jieħu ħsieb huwa stess il-finanzi tagħna, u dejjem għandu jkun hemm bil-koperazzjoni sħiħa magħna. Dan qed ngħiduħ aħna minn qalbna, biex l-affarijiet ikunu trasparenti f'kollox u fejn dan il-bord jara li ser issir xi ħaġa kontra l-liġi jew forsi b'xi nuqqas t'attenzjoni, ikun ħa jsir xi ħaġa ħażina, il-bord ikollu dritt li jiġbdilna l-attenzjoni u ma jħalliniex nagħmlu xi ħaġa ħazina. Dan il-bord m'għandux jindaħal fl-operat ta' DONINU ħlief li jista' jissugerixxi biss. B'hekk aħna lanqas bħala flus ma jkollna x'naqsmu. Dan il-bord għandu jkun maħtur minn naħa tal-gvern fejn dawk il-ministri kollha li se jħadmu dan il-proġett ikollhom rappreżentant f'dan il-bord. Kif ukoll ikun hemm accountants, li dawn jistgħu ikunu tal-gvern ukoll. Ukoll nies mill-Kunsill fejn aħna nissugerixxu tnejn minn nies oħra mill-bord stess għandu jaħtar persuna jew tnejn, li anke jieħdu ħsieb il-ħlas tal-ħaddiema, ħlas tal-affarijiet li ikunu inxtraw eċ.ċ Doninu għandu jkun jaf x'għandu u m'għandux finanzi jew aħjar iċ-ċifri, ħalli jkun jista' jippjana aktar proġetti għal dan il-għan. Nixtiequ wkoll li magħna jkollna avukat biex jgħin lilna fix-xogħol legali tagħna, u jkun jista' jgħin għaqdiet NGOs ta' veru fil problemi tagħhom. Dan l-avukat għandu jimxi id f'id magħna, u Doninu għandu dritt li twaqqaf lil dan l-avukat minn magħha għar-raġunijiet li tħoss li mhux qed jimxi tajjeb. Nemmen li kull NGO inħalluha indipendenti u taħdem għal rasha, imma aħna inkunu hemm biex nagħtu l-għodda lil dawn NGO. Dan qed nagħmluh Bona grazzja tagħna, li neħħejna l-flus minn idejna wkoll, biex b'hekk aħna għadna inkunu trasparenti, onesti, u ta' ruħ soċjali vera. Il-Flus huma parti mill-għadu tal-bniedem, li għandek bżonnhom biex taħdem, imma ukoll jistgħu joħolqu abbuż ukoll. Magħna għandu jiġi assenjat accountant, għall-ħidma ta' kuljum.



# Annex 8: Studio televiżiv:

DONINU ħadem u għamel riċerka sħiħa, fejn ra l-ħażin kollu, imma ma qagħdx biss immaqdar, u jidħaq, imma ħsibna biex nagħtu soluzzjonijiet, u dawn is-soluzzjonijiet li qed nagħtu nkunu nistgħu nagħmluhom aħna stess.

Għal ħafna li ma jafux, iżda dan kollox qiegħed irrekordjat ,u lanqas il-poplu ma jaf u qed jiġi frodat il-kelma eżatta. Għaliex jekk jien qed nitolbok il-flus għal xi ħaga ta' karita u int tuża dawn il-flus biex imorru ġo bwiet oħra, dak nemmen li huwa frodi, u dan il-frodi qiegħed hemm, u għandu il-barka ta' minn suppost jara li ma jsirx. Għaliex jaf bih, imma qatt ma tkellem? Għax konna aħna li tkellimna, kif ukoll ippruvaw ibenġluha.

Biex ikun jaf kulħadd , biex tagħmel maratona trid bejn 70 elf sa 100 elf ewro, li dawn huma spejjeż ta' apparat, nies, eċċ. VERU ????? Skond kif jgħidu għaliex iridu niftakru li l-air time huwa b'xejn u dan sar b'obligu. Jiġifieri l-ewwel flus li jidħlu għall-vulnerabbli skont l-ammont kollu li jkollha tħallas l-organizzazzjoni. Dawn l-ewwel flus se jmorru biex jitħalsu l-flus tan-nies, u mhux għall-vulnerabbli. Għaliex dan? Dan huwa xi leekage, xi xaqq min fejn nagħmlu l-flus minn fuq il-vulnerabbli? Kieku dawk eluf kollha baqgħu għal fondazzjoni jew għaqda, mhux aħjar? Mhux iktar jitkattar ġid?

Il-kbir ta' dan kollu huwa li aħna qed nagħtu garanzija li inqas minn 100 elf ewro aħna nixtru l-apparat darba, u nagħmlu l-maratoni b'xejn ghal kull fondazzjoni/NGO ta' VERU. B'hekk inkunu qed nagħtu ċans lil dawn NGOs iż-żagħar ikollhom sehem minn ġbir ukoll. Biex ikollhom u jkomplu l-ħidma tagħhom. Din hija waħda mill-wegħdi tiegħi li jien wgħedt NGOs Ta' veru li jien se naħdem għaliha. Aħna mhux se nikmandaw lil xi ħadd. Min ma jridx jaħdem b'xejn, u jrid ikompli jħallas, mhux se nindaħħalu. Dik mhux kompetenza tagħna, imma ta' min jippopa sidru, biex jara l-affarijiet mixjin sew. Imma aħna naħdmu ma' NGOs, li jridu jagħmlu l-ġid veru. Veru li hemm minnhom żagħar, imma naħseb jien nistgħu nagħqdu erbgħa NGOs f'daqqa, u naqsmulhom il-persentaġġ lilhom kollu kif inkunu ftehmna magħhom. Niftakru li mhux kull NGO ikollha bżonn l-istess ammont ta' flus. B'hekk qed nagħtu nifs ġdid lil dawn l-għaqdiet,

Inżid ma' dan, aħna lesti li nagħmlu programmi televiżivi ukoll, fejn inġibu ir-realtajiet tal-ħajja lill-poplu. Biex iktar inqajmu kuxjenza, u nkunu iżjed trasparenti, u nedukaw 'il-poplu. Fejn anke r-reklami li jitpoġġew fuq dawn il-programmi, għandhom imorru l-flus tagħhom għal dan il-għan, u mhux f'xi but ta' xi ħadd biex inħaxxnulu butu.

Il-każi huma tal-mistħija kbira, qed ikunu bil-benedizzjoni ta' minn suppost jara li dawn ma jsirux.

Ejjew ngħinu il-veru nies li jridu jagħmlu l-ġid, li ħafna drabi joħorġu l-flus minn buthom biex ma jgħidux le u li wkoll jagħtu ħinijiet twal għal veru Vulnerabbli. Ejjew nagħtuhom nifs imsieken jekk igawdu dawn il-persuni, inkunu ħloqna il-ġid, il-prosperita, il-futur għalihom. Hemm hija Parti mill-INKLUŻIVITA. Meta fuq it-televiżjoni tara programm imħallat minn kulhadd.



# Annex 9: Talent:

Spazju ieħor f'dan iċ-ċentru, għandu jkun għat talenti kollha, ejjew noħolqulhom attivitajiet, għalihom, li fl-istess ħin dawn għandhom fejn qed jieħdu gost, u l-bogħod mill-vizzji. Ejja nużaw dat-talent ġol maratoni, ejjew inħeġġu dawn iż-żahar tagħna jersqu, magħna, fejn aħna inħeġġuhom, it-talent ukoll hija terapija. Li imbegħdu ż-żagħżagħ tagħna minn vizzji. Dawn l-affarijiet ma jiswewx flus, naqra dedikazzjoni hemm bżonn , u naf x'qed ngħid bis sewwa, Din qed insemmi familja waħda, għax kien hemm ħafna familji magħna. Darba minnhom tellajna l-ġrajja ta' 7 ta' April bil-biċċiet tal-karru li ma nafx kemm kien ilu moħbi ġewwa l-orpheum li kien jintuża għall-ewwel ta' Mejju. Xi flus infaqna ftit li xejn. Il-flus huma bżonnjużi biss biex taħdem bihom, il-bqija kull persuna tista' u għanda x'tagħti. Eżempju ieħor għax kien hemm ir-rieda vera li l-affarijiet isiru, tellajna, bar b'queue's għal kulħadd ġewwa Manoel Island, tellajna Song Festivals, tellajna kummiedji Mużikali, li dawk kollha li ħadu sehem kellhom is-sodisfazzjon tagħhom, u dawk li ġew ħadu gost. Allura llum għaliex ma jistax issir dan, illum sirna kollox ejja ħa tagħmel kors tad-drama, tħallas il-flus. Ma nifmux li ħafna mit-talent irid ikun fik. Ma nifmux forsi li t-tfal għandom ikollhom il-libertà tagħhom. Imma le għax jien nirreċta, lil uliedi nibgħathom biex jirreċtaw. Ejjew nifhmu li mhux kulħadd maqtuħ ghall-istess ħaġa. Ejjew inħalluhom jagħżlu uliedna huma. Għalkemm illum huma ħafna li jagħżlu l-mobile, li dak ma narax ħin ta rekreazzjoni, però nemmen li kapaċi nresqu tfal, biex nibdew nagħmlu xi ħaġa flimkien, imma irridu ngħinuhom jasslu.



# ANNEX 10: Xogħol għal ex ħabsin u ex drogati:

Din L-Annex għandha marbuta magħha ANNEX 1. Fejn aħna noħolqu xogħol għal dawn il-persuni, flimkien mal-entitajiet privati li lesti li jħaddmu n-nies. Kif tafu hemm NGO oħra li tagħmel dan ix-xogħol u qed nirreferi għal RISE li minn hawn nirringrazzjhom.

Imma hemm każijiet li jaqaw minn kull sistema, issa jew il persuna ma tridx taħdem, jew veru mhux issib xogħol. Jew baqgħet għaddejja bil-vizzji tagħha. Aħna rridu naraw kif nistgħu indaħħlu lil dawn il-persuni fis-sistema tagħna, biex jibdew iqumu fuq saqajhom, nemmnu li jekk ma nibdewx nikkuraw il-vizzji, l-ewwel ma jkollniex riżultat.

Imma jekk il-persuna se tibqa' issib u tieħu l-ħuta, għal din il-persuna jista' tkun komda kif inhi. Jien dejjem emmint li immedjat iva għandu jkollok il-ħuta, imma wara ntik il-qasba, wara li inkun għedtlek u għallimtek kif tistad. Nemmnu ukoll li aħna nerġa ngħid mhux ser nagħmlu mirakli, imma il-ftit li nistgħu nagħmlu, nagħmluhom mill-qalb, u naraw x'joħroġ minnha.

Li hu żgur waħda mir-regolamenti li se jkun hemm fid-dar rigward ix-xogħol, u li l-persuna se tiffirma għalihom, huwa li meta inti trid tidhol ġod dar bħala resident, ix-xogħol se jkun hemm dejjem. Issa jew se tagħmlu Volontarjat, jew se tmur u taħdem għalik? L-għażla hija f'idejn il persuna, imma jekk int mhux se tagħmel xejn minn dan, int lanqas se tkun eliġibbli biss biex tinżamm f'din id-dar.

L-ewwel xahrejn, il-persuna, li se tidħol bħala resident fid-dar, ma tistax toħroġ barra mill-premessi ta' dan iċ-ċentru, imma se tibda xogħol volontarjat magħna stess. Sakemm aħna nfittxu xogħol lill-persuna, naraw x'inhi tagħmel il-persuna, eċċ. Kif ukoll il-mobile jittieħdilha, biex ma jkolliex kuntatt ma' barra, u jekk dawn ir-regolamenti jinkisru wara 3 warnings, il-persuna taf li ikollha toħroġ il-barra minn dan iċ-ċentru, fejn minimu ta' sena, ma tkunx tista' titlob għajnuna mingħand Doninu jew lil dan iċ-ċentru. Għal kull warning se jkun hemm ukoll il-konsegwenzi.

Niġu għall-proġett ieħor li jonqos naqra sewwa għalih, imma jekk ikun hemm fejn, aħna lesti li nġibu ħabsin li huma baqalhom sentenza qasira, li magħna

intuhom iċ-ċans biex jirriformaw. Dan irridu naraw ħafna proposti, li bħalissa qed naħdmu fuqhom ukoll u qed issir riċerka biex nilħqu nitkellmu fuq dan il-proġett. Anke lesti li naċċettaw sentenzi mill-qorti, fejn bniedem ikollu xi każ ta' xi 5 snin qabel. Illum issettilja ħajtu, u forsi għandu familja u qed jaħdem, flok is-sentenza tiegħu għanda tkun li jmur il-ħabs, jiġi magħna u jagħti daqqa t'id. Nemmnu li kulħadd għandu ċ-ċans li jingħata ċans ieħor. Imma fuq dan is-suġġett hemm ħafna affarijiet li jridu jiġu irranġati, diskussi ma l-awtoritajiet eċċ, bħal meta ngħidu il-kondotta, li tibqa' tigri mal-persuna għomru kollu. Li dik ukoll titfa il persuna lura biex jintegra ruħu fis-soċjetà.

Nafu ukoll li l-ikbar fejqan li persuna jkollha hija l-progress huwa meta l-familja tgħin ukoll. Meta ħafna drabi jiġri li lil dawn jitfawhom barra, għaliex in-nies jgħidu bihom. Dik ukoll hija sitwazzjoni oħra, li hemm naqbżu wkoll fuq is-saħħa mentali, jew aħjar trawma fuq il-persuna. Iltqajna ma' ħafna każijiet diġà, fejn ulied ma jridux jafu b'missierhom għax weħel il-ħabs, u lanqas biss ikelmuh. Imma kollox għandu jkun fil kategorija sewwa, u f'postu biex nibdew nagħtu l-għajnuna għal dan il-proġett.



# ANNEX 11: Saħħa Mentali / Suwiċidji:

Ma nixtieqx li nidru li aħna xi konsulenti jew xi nies professjonali għax m'aħniex, imma qed nitkellmu biss fuq li ltqajna diġà aħna u qed nagħtu biss oppinjonijiet.

Is-suwiċidju kien l-ewwel każ li ltqajna miegħu, u biddilna r-rotta kollha għal xiex aħna inħloqna. Niftakar meta smajna b'Persuna li fil-passat diġa kien prova jagħmel suwiċidju, u reġa' qed iberren f'moħħu l-istess ħsieb, inħoss ġismi jqum xewk xewk, bħall kif ġrali dakinhar stess. Irrid inkun Onest li dak inhar ippanikjajt, għaliex fuqek tħoss il-piż tal-ħajja ta' dik il-persuna. Niftakar wara li ikkalmajt u bagħattna nies minn tagħna jiltaqgħu miegħu, bdejt naħdem, u dak il-ħin mhux numri tat-telephones tinsa, imma tiġi Blackout. Wara li kkalmajt u ċempilt lill-179 (għax dak ġie f'moħħi) fejn bdejna insibu direzzjoni kif naħdmu, kellimna 'il-Psikjatra li kienet On Duty dakinhar ġewwa l-isptar Mater Dei. Grazzi għaliha kienet iggwidatni sewwa, u biex naqta' l-istorja fil-qasir, din il-persuna salvajniha, imma bqajna nkunu miegħu minn ħin għall-ħin biex ikollna aġġornament x'qed jiġri. Illum din il-persuna qegħda magħna tgħin lil nies oħra vulnerabbli. Kien hemm proċess x'kella tagħddi, u aħna minn dan il-każ tgħallimna ħafna u ħafna, kultant persuna tasal biex tagħmel suwiċidju fuq affarijiet hekk żgħar? Iva meta titkellem mal-persuna tinduna, li dik ix-xi ħaġa li f'għajnejk tidher tant żgħira, għal persuna qisha waqat id-dinja fuqu. Hemm trawma li hu kien għaddej ukoll, hemm is-solitudni, u ħafna affarijiet li nerġa ngħid li huma żgħar, imma jekk tagħmilhom flimkien tkun waħda kbira. Ħafna drabi tibda ukoll id-dipressjoni, li dan fil-każ tagħna, ukoll mar il Monte Carmeli għat-trattament. Kull ma dam hemm huwa ġimgħa, fejn ħareġ mhux ħażin, u dejjem ġej il-quddiem ftit ftit.

Naħseb li kieku nagħtu spazzju lil dawn in-nies, li jekk ikollhom ħsibijiet, ħżiena, li jkunu qed ittaqluhom, jista' jiġu f'dan iċ-ċentru 24 siegħa, fejn se jsibu minn jigwidhom, fejn ħa jsibu minn jitkellem magħhom, fejn nistgħu nagħtu din l-għajnuna daqshekk bażika, li kapaċi insalvaw ħajja.

Dan jogħod ukoll għall-mard mentali, li kultant għadu *taboo* hawn Malta. Veru li naqas ħafna dat-*taboo*, imma ħafna għadhom bil-mentalita, li jekk ħa jersqu għall-kura, se jgħidu bihom in-nies eċċ, eċċ. B'hekk jibqgħu lura milli jersqu. Aħna tkellimna ma nies li għaddejjin minn mard mentali, li magħna ħassewhom komdi jitkellmu, imma ma jridux jersqu lejn ebda għajnuna. Ok forsi aħna kissirna xi problemi li kellhom moħbija wara id dipressjoni. Kultant tant ikunu

affarijiet żgħar, li jiġu rranġati b'sempliċi ta' email. Ma rridtx nagħti xi indikazzjoni għal marda mentali, qed ngħid, il problemi żgħar li ikkummolaw go moħħ il-persuna biex imxiet għal marda mentali, id-dipressjoni. Ġieli kellna Persuni, li qed ibagħtu b'mard mentali, minħabba medja soċjali, isibu xi ruħ tajba, fuq il-Facebook, fejn jaqbdu jagħjru bla ma jqisu xejn. *Kemm int kera*, *kemm int ħoxna jaqq*, *aħjar tmur taqbeż*. Insomma kliem li ma jagħmel ebda ġid għal persuna li tkun vulnerabbli. Għandek sintomu ieħor li persuna tagħmel suwiċidju bla ma turi ebda sinjal qabel. Hemm minn ikun *crying for help*, li dan jgħedded bis-suwiċidju, biex jinstemgħa u jneħħi l-uġiegħ li jkun qed ibagħti. Imma hemm xorta trid tieħu ħsieb ukoll. Fil-fatt aħna bħalissa meta jkollna każijiet bħal dawn, ngħaddu kollox lil Dr Mark Xuereb, għaliex huwa il-professjonist, u mhux aħna. Imma jekk il-poplu jifhem dawn l-affarijiet, ikun ta għajnuna kbira għas-soċjetà, fejn kull hajja li nsalvaw, għandek mertu li salvajt lil ħuk, ħafna drabi Malti bħalek.

Din l-istess, mhux ħa tiswa flus laċ-ċentru jkun hemm. Jekk jirnexxielna insalvaw ħajja ukoll ikun sewwa għal xi ħaġa dan iċ-ċentru u din is-sezzjoni.



# Annex 12: Vjolenza Domestika:

F'dan iċ-ċentru għandu jkun hemm fejn aħna insejħulhom *safe place*, fejn mara li tkun imsawwta, u ħarbet mid-dar, jista' jkun magħha jkollha lil ulieda. Wara li tagħmel rapport lill-Pulizija, il-Pulizija għandhom post fejn din tkun sigura, hi kif ukoll ulieda. Sakemm jiġu nfurmati l-FSWS, eċċ, kif ukoll sakemm jinstabilha post addattat għaliha. Aħna nieħdu biss każijiet ta' emergenza. Eżempju għandek il-każijiet li l-iktar li jiġru huwa tard filgħaxija, u dawk li jiġu fil-weekend, aħna nżommu dawn il-każijiet sakemm ikun neċessarju. Imma ma nistgħux inżommuhom residenti fil-home. Dan għaliex iktar jintalab sigurtà tal-post, eċċ. Jekk naraw il-quddiem li aħna kapaċi li nakkomodaw ukoll dawn in-nies, ma niddejqux li nagħmlu dan. Imma dan irid ikun miftiehem mal-Ministeru tas-Sigurtà Soċjali kif ukoll mal-FSWS, li hemm il-persuna Onesta, li dejjem mexxietna fit-triq it-tajba.

Każijiet oħra li jista' jkun ukoll, huma familji, li jispiċċaw barra, wara li sid il post ikun keċċihom, jew anke ġieli ġew żgumbrati mill-post. Dawn ukoll trid tuża s-*safe place* li jkollok, għax meta inti għandek familja tipprova tnaqqas l-uġiegħ u mhux iżżidu. Familja trid tagħmilhom u tħallihom flimkien bħala familja waħda. Sakemm isiru l-arranġamenti, aħna mhux problema li nidħlu għalihom aħna. Wara kollox aħna għalhekk qegħdin.

Imma dawn l-affarijiet kif għidt qabel, irridu jibqgħu ikkordinati mal-FSWS u għandu jkun hemm koordinazzjoni kbira bejn l-FSWS u bejn in-naħa tagħna.

Dan is-suġġett ukoll huwa vast, u jkun hemm ħafna ukoll li jistgħu jiġu għal lejl wieħed, li ma tkunx neċessarja li jkun hemm ħafna fass, bħal każ li kellna ftit ta' żmien ilu, familja li dejjem imxew sew ma xulxin, ir-raġel ħareġ ma' sħabu għal xi party u ġie lura fis sakra, u beda filli jkanta, filli jidgħi, filli jkisser. Niftakar, nies minn tagħna marru ħarġu l-mara u t-tifel mid-dar. Fejn il-mara sostniet li ma riditx tagħmel rapport lill-pulizija, u aħna tlabna l-għajnuna ta' familja oħra, li raqditha ġo darha, sakemm l-għada filgħodu, spiċċa dan ir-raġel, ċemplilna, u tgħidx kemm beka, u deher li kien sinċier u onest, fil-fatt laqqajnihom. U tkellmu, u tgħidx kemm skuża ruħu magħha, u kollox reġa b'wiċċ il-ġid, illum ukoll din il-familja qegħda magħna tgħin lil ħaddieħor.

Kultant bil-kastigi, noħolqu iżjed mibgħeda, u biki, li wara kollox, minn se jbagħti? It-tfal.

# Annex 13: Persunu bil-guh totalment

**( Ara Annex 1C )**

Persuna bil-ġuħ, u qed tbagħti bil-ġuħ mhux bilfors tkun *homeless*, kif ħafna jaħsbu, imma ikun hemm problemi oħra, li ma jkunux jidhru, u anke meta din tapplika lid dipartiment, ikun qed jirrizulta li din bil-propjetajiet tagħha taqbeż sew, biex hi tkun tista' tieħu xi ħaġa tal-flus.

U aħna nistaqsu, din il mara kif se tgħix? Għax id-dipartiment qed jara sewwa fuq li hemm fuq is-sistema, li hija korretta, imma id dipartiment ma jkunx jaf, li din żewġha telaqha, u fil medjazzjoni diġà ilhom sentejn. Għaliex żewġha ma jridx jissepara? Għax jaf li din se teħodlu nofs kollox. Hemm iva ikollhom raġun li ma jtuhiex flus, imma sakemm tiddeċiedi l-qorti? Din se tibqa' bil-ġuħ? Din se tibqa' mhedda minn żewgha, li qalla jrid iġiba *homeless*? Li min jaf kemm il darba din il mara raqdet bil-ġuħ. Mhux talli hekk hi għanda ommha u missiera pensjonanti, u biex jgħinuha biex tħallas in-nutar, jgħinu biex tiekol, eċċ, qed jgħinu biex tixtri l-pilloli €60 fix-xahar, kontijiet, eċċ. Il-ġenituri tagħha qegħdin imsalbin huma ukoll, fejn ma niddejjaqx ngħid missierha kien qed jippjana suwiċidju, ejja ngħidu *crying for help* vera kien, imma veru li huwa għaddej minn din is-sitwazzjoni. Dan il-każ qiegħed taħt ħaddiem soċjali mill-Agenzija Sapport, u ilu ħafna dan il-ħaddiem soċjali. Il-Kap Eżekuttiv, is-sur Oliver Scicluna, ukoll daħal personalment fuq dan il-każ, u sal-llum għadna qed naħdmu biex ngħinu.

Bħal din il-persuna hawn iżjed, din mhux unika tafux, tgħiduli, imma jekk trid din il-persuna ma torqodx bil-ġuħ, hawn tant *soup kitchens*? Huwa vera, imma fil-każ ta' din, tbagħti b'mard ieħor, u ma ssuqx, biex tmur il-millenium chapel għax hemm l-iktar viċin, din se tonfoqom taxi, meta jkun hemm ċertu mard fl-għadam u mentali eċċ hija diffiċli ħafna u ħafna għaliha.

Issa ħa naqbad fuq is-*Soup Kitchens*. Mingħajr ma nipprova inxekkel ix-xogħol ta' ġid li qed jagħmlu. Imma hija sabiħa is-*soup kitchens*, hawn minn ma jrid jagħmel xejn fil-hajja u kuljum jiekol darbtejn jew tliet darbiet. U hawn minn qed immur għax-xogħol, u ma jistax jieħu platt ikel.

Għaliex dan: Is-*soup kitchen* , għar raġunijiet tagħhom, li jien m'għandi dritt niġġudikom, jiftħu t-tlieta li huma mit-tnejn sal-ġimgha bejn 12pm u 3pm dik qeda għal faxxa li ma jridux jagħmlu xejn f'ħajjithom. Iżda jekk aħna persuna nsibulu xogħol, aħna tabbejna fuqna ukoll li rridu nipprovdu li ikel, miżerjament sakemm il-persuna taqbad l-ewwel paga, din hija is-sistema ħażina li mhux

taħdem sew. Issa nerġa ngħid li jista' jkun li dawn il-*soup kitchens* isibu nies volontarji, għal wara nofs inhar biss, u jekk imorru filgħaxija mhux ħa jsibu nies li jgħinu, speċjalment meta tkun ix-xitwa.

Ħafna drabi, meta jċemplu nies minn tagħna u jgħidli hawn wieħed miskin aqta' x'ġuħ għandu, ħafna drabi aħna nqassmu n-*noodles*, biex bniedem ikun kiel xi ħaġa, meta nafu aħna stess li ikun qed jiekol il-plastik. Imma għall-menù l-istonku imliħ.

Ħafna drabi dawn in-nies, imorru fuq persuni, jitolbuh 5 ewro ħalli jixtru xi ħaġa x'jieklu. Aħna tgħallimna ġewwa kunsilli, li jekk inti ħa ttiħ dawk il-5 ewro biċċa kbira dik se tmur għad-droga, alkoħol, jew kaxxi tal-logħob. Tgħallimna li jekk xi ħadd għandu l-ġuħ u tixtieq tgħinu, ersaq għand xi *take away*, pastizzeria, ixtrilu l-ikel u flixkun ilma kbir, u għatihomlhom. Li ħafna drabi ma jkunx iridhom. Illum ukoll rajna moda ġdida, fejn mara b'tarbija imċerċra, biex iġġiblek ħasra, qed titallab il-flus biex tixtri il-ħalib tat-trabi, l-istess għidna, jekk trid tgħina, mhux ixtri bott jew tnejn ħalib tat-trabi, però qabel ittihomla fidha, iftaħ l'għatu u aqla l-fidda taż-żewg bottijiet, għax jekk ma tagħmilx hekk dawk il bottijiet jinbiegħu.

U hawn fejn nidħlu aħna. F'dan iċ-ċentru, li ninfurmaw lin-nies, u nagħlmu n-nies, għax hemm ħafna, tinsiex li dawn in-nies jipprovaw dejjem isibu xi ħaġa ġdida biex ikunu qabilna. Imma jekk nagħlmu l-poplu innaqsu ħafna.



# ANNEX 14: Benefiċċji li ser jgawdu minnhom għaqdiet oħra:

Dan iċ-ċentru Se jkun ta' benefiċċju għal għaqdiet NGOs ta' veru.
Fejn biex ma noqodx nidħol b'ħafna dettal se nagħti punti:

1) Li se jkunu jistgħu jibbenifikaw minn teatru/ċentru tal-konferenzi fejn ma jitħallas l-ebda flus, fejn ser ikun mgħammar b'affarijiet bażiċi, fejn anke huma stess jistgħu jorganizzaw attivitajiet għall-NGO tagħhom.
2) Jagħmlu użu mis-servizzi kollha, li aħna inkunu qed noffru b'xejn, kemm bħala għaqda, kif ukoll il-membri tagħhom.
3) Servizz ta avukat minn tagħna b'xejn ukoll, (mhux biex jidher il qorti) imma biex jieħdu parir jew jirranġaw id-dokumenti bħal memorandum .
4) Tinħoloq koperazzjoni sħiħa bejn l-NGO's Vera (dawk li aħna niddeċiedu li ndaħħlu magħna, bla ħadd ma għandu il-jedd jindaħal lilna lil minn.
5) Niġġeneraw flus għal għaqdiet li għandhom xi proġetti, u nidħlu aħna ukoll biex ngħinu lill-kunsill tal-volontarjat.
6) Niltaqgħu f'konferenzi NGO, minn barra il-pajjiż, fejn jistgħu jgħinu aħjar fit-tmexxija, tal-NGO's partikulari.
7) Nieħdu fuq spallejna aħna mingħand l-accountant tagħna, biex jimtlew xi dokumenti. U b'hekk jitnaqqsulhom kemm jista' jkun il-piż finanzjarju.
8) Naħdmu id f'id magħhom fejn issir għal kull NGO MOU iddettaljat għal sentejn.
9) Nagħtu aċċess sħiħ, biex inlaqqaw mal-awtoritajiet, fejn l-NGO ikollha l-problemi.
10) Inkunu ta' leħen għalihom, u nkunu ta' difensuri għalihom, biex ma jkomplux jitkisser il-volontarjat.
11) Se noħolqu flimkien bħala Unjoni, biex kulħadd jgħin lil xulxin, u ma jibqgħux jiġu mirfusa bla ma jistgħu issemmgħu leħinhom
12) Ngħinu lill-Ministru li jkollu / jkollha il-qasam tal volontarjat u inklużjoni, biex flimkien inkissru u neqirdu l-ħażin, u nibnu fuq it-tajjeb, (dejjem jekk il ministru jaċċetta)
13) Innaqqsu il-burokrazija li teżisti, u nagħmlu ħajja aktar sabiħa, lil min imexxi L-NGO's, Billi kultant issir get together jew ikla lill-fundaturi ta' l-għaqdiet.
14) Nippremjaw lill-għaqdiet NGOs għax-xogħol li jkunu wettqu. Fejn ukoll jinħargu *press releases*, għall-medja. Biex il-poplu jkun jaf x'inhu issir.
15) Noffru nies volontarji biex jgħinu fl-attivitajiet tal l-stess NGO's

16) Naħdmu biex anke dawk il-persuni b'diżabilità, li qeghdin imsakkrin ġewwa, ikollhom ħin li jistgħu jkunu barra.
17) Ngħinu lill-Ministeru tal-edukazzjoni fejn jidħlu skejjel
18) Ngħinu lill-Ministeru tal-anzjani, biex nilħqu ħafna anzjani li mhux qed jiġu milħuqin.
19) Ninvolvu ruħna f'attivitajiet Privati, fejn titħallas donazzjoni, biex b'dawk il-flus jintefqu għal ġid ta kulħadd
20) U ħafna u ħafna affarijiet oħrajn, li jekk nibqa' sejjer il-lista ma tieqafx.



## Annex 15: Child Care Centre.

Hemm il-ħsieb ukoll li jinfetaħ Child Care Centre, li se jkun miftuħ għal kuħadd, imma se jkun speċjalizzat għal persuni b'diżabilità

Dan se nagħmluh, biex nippruvaw minn tfal meta jkunu minn età żgħira, kemm it-tfal imsejħa normali, kif ukoll kemm it-tfal b'diżabilità. Ikunu min mindu ċkejknin, ikunu bl-Inklużjoni bejniethom, u ma jaraw xejn bi kbir meta il quddiem ġewwa l-iskola ikollhom tfal b'diżabilità fil-klassi magħhom.

Anke waqt dan l-istadju inkunu nistgħu nagħlmu LSE kif għandhom jgħinu lil dawn it-tfal, u jaħdmu iktar b'qalbhom. Niftakru li LSE hija vokazzjoni/bħal infermiera. Min se jidħol LSE għall-paga biss, ikun qiegħed jagħmel il-ħsara lil dawn it-tfal.

Għandu jkun hemm ħafna affarijiet oħra li flimkien u lkoll irridu nitgħallmu.

Isiru assessment fuq it-tfal mindu jkunu għadhom zgħar, ħalli, jekk hemm xi problemi, li x-xjenza illum uriet li tista' tikkoreġihom, dawn għandhom jiġu suġġeriti lill-ġenituri, biex b'hekk innaqqsu t-tbatija lil kulħadd imma b'mod speċjali lit-tfal b'diżabilità.

Għandhom ukoll isiru korsijiet tal-ġenituri ta' dawn it-tfal. Biex flimkien mal-esperti, jgħinu huma stess lil uliedhom biex ikollhom ħajja aħjar. Li żgur kull ġenitur ikun jixtieq għal uliedu.



# Annex 16: Inżommu id dritt:

Inżommu id dritt bħala Doninu, li minn żmien għal żmien nagħmlu upgrades, tagħna stess, u nbidlu, inżidu jew innaqqsu servizzi, biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm ħela ta' riżorsi.

Jista' jkun li se jkun hemm xi affarijiet li ma jaħdmux, jew ma jħallux frott meħtieġ kif qed naħsbu. Nemmnu li għandu jkun hemm tibdil, fihom biex jew isiru aħjar, jew issir servizz ieħor utli, li jkunu jistgħu jibbenifikaw minnu dawn l-NGOs.

Id-dinja ma saritx f'daqqa, u aħna hekk ngħidu u naqblu imma Alla ħa seba' t'ijiem biex għamilha. Aħna naf li ħa nieħdu aktar, imma ma rridux jagħddu s-snin, biex nibdew. Niftakru iktar ma ndumu biex nibdew, iktar qed intellfu ġranet ta' ġid lis-soċjetà.

Meta bdew l-affarijiet kien hemm minn kellu għoxrin sena, u sal-llum ħafna affarijiet tilifhom u illum għalaq il-ħamsin. Niftakru li aħna qed naħdmu ma' nies bħalna u li huma Umani. Jekk jirnexxielna nnaqsu t-tbatija, dan ifisser li diġa nkunu għamilna progress.



## Annex 17: Attivita kummerċjali:

Din hija xi ħaġa wkoll li tgħin lil dawn in-nies Vulnerabbli. Jista' jinfetaħ per eżempju supermarket zgħir b'affarijiet bażiċi ħafna, fejn dan ma jsirx għal skopijiet kummerċjali imma għandu jaħdem mingħajr profitti, fejn fih ikun hemm kollox bi prezzijiet issussidjat, biex familja li hija fil-bżonn, tkun tista' tixtri minn hemm (dejjem irridu nagħmlu *capping* ta' kemm tista' tixtri kull familja, inkella jispiċċa li jkun hemm abbuż fis-sistema). Imma huma affarijiet żgħar ukoll dawn, li la darba għandek il-post tista' tagħmel ħafna affarijiet. Aħna bħala Doninu nafu lil minn ukoll nistgħu nagħmlu dan. Sintendi trid tkun minn naħa tagħna ukoll li ngħinu f'dan ukoll. U ma jistax jiġi kull minn irid jixtri minn dan is-supermarket inkella niġu bla kontroll. Jista' ukoll ikun miftuħ għal kulħadd fejn nies normali ikollhom prezzijiet normali, kif ukoll dawk il-familji fil-bżonn ikollhom discount. Dan kollu jrid jiġi maqbul dejjem mal-kummerċjanti. Fejn dawk li jixtru bi prezzijiet normali, dak il-profit għandu jmur għal spejjeż oħra ta' Doninu.

Meta nidħlu f'din il-biċċa hemm ħafna fejn nistgħu niftħu, bla ma nkunu qed innaqqsu jew intellfu l-kummerċ ġewwa pajjiżna. Hemm ukoll din lill-Gvern ma tiswieħ xejn. Nista' nibqgħu sejrin, kafetterija, ħanut tal-ħaxix, eċċ. Jista' ukoll nagħtu lok li ssir car boot , bħal monti żgħir. Dawn huma kollha inizjattivi, li jgħinu l-vulnerabbli jqumu fuq saqajhom.

Nemmnu li għal dan kollu għandu jkun hemm għaqda sħiħa u ħidma mal-FSWS, Biex minn għandu bżonn ngħinuħ, u minn le ma jidħolx f'din is-sistema skaptu ta' dawk li vera għandhom bżonn.

Għanda issir ukoll kordinazzjoni m-Job Centre, minħabba li dawk li jkunu qed jirreġistraw, u qed jieħdu il-flus mill-gvern, il-flus flok qed jintużaw biex jgħix bihom, imorru, għall-vizzji, sustanzi, eċċ. B'hekk jekk is-sistema tkun waħda magħquda, nimxu ħafna l-quddiem.

Anke parti mill-premessi, jista' jiġi mikri, biex isiru Coffee Mornings, Parties ta' natura umani, bħall Birthday parties. Xi każini tal-baned li jridu jagħmlu wkoll barbque, għaliex le? Peress li din hija semi kummerċjali, aħna se nitolbu donazzjoni mingħandhom, biex aħna wkoll inkunu qed ngħinu t-talent u l-kultura Maltija. Xi familja trid tagħmel xi party żgħir lill-ġenituri, li jkunu forsi f'xi dar tal-anzjani, għaliex le? Dan ikun dmir tagħna li noffru l-post b'xejn

(mhux L-ikel). Għal parties ta' dan is-sehem, meta qed ngħid għal nies vulnerabbli, jsir arranġament ma' Caterings Privati, biex inġibu sussidju aħjar għal dan l-għan, u l-familja iħalluha fil-libertà li tagħżel hi, forsi anke hawn minn irid jagħmel l-ikel hu, għaliex le?

Parti oħra li se jieħu Doninu huwa li hu stess itellha attivitajiet kummerċjali. Bħall serata ta' Jum San Valentinu, kompetizzjoni tal-Karnival, Get Togethers, Barbques, eċċ, fejn il-qliegħ kollu ta' dawn, ser imur biex inkunu nistgħu nerġgħu ninvestu iktar fil-Proġett tagħna, jiġifieri dan il-proġett, jew jista' jkun li jmorru għal xi proġetti oħra ta' xi NGO żgħar. Aħna qegħdin hemm mhux biex naghmlu l-profitti, imma biex ngħinu s-soċjetà, u lil kull minn għandu bżonn.

Xi haga ohra, ahna nistghu inservu ukoll fejn inqassmu l-ikel ta ewropa, u naraw li jiehu dak li veru ghandu bzonn.



# Annex 18 ( break ghal anzjani)

Jekk dejjem ikolna spazju, trid timbena hostel ckejkna, fejn anzjan/anzjana jew it tnejn ikunu jistghu jiehdu break, u jkollhom gimgha mistrih, kif ukoll mobija bl-attivitajiet, bhal Line dancing, ( attivita li jiccaqqalqu) u hagna attivitajiet ohra.Nistghu nofru ukoll il Birthday celebration ukoll, dan ic centru huwa il pillastru ta l-INKLUZJONI SHIHA.





# Annex 19: Camping ghat tfal b inkluzjoni shieha

Fis sajf ser issir Camping ghat tfal, kif ukoll maghhom ghandu jkun hemm persuni b'dizabilita. Fejn l-istess haga ikollhom hafna u hafna attivitajiet, fosthom tisjir etc etc.





# Annex 20: Gheluq:

Wasalt biex nagħlaq dan id-dokument, fejn jista' jkun hemm xi affarijiet li setgħu ħarbuli minn idejja. Imma aħna qegħdin miftuħin biex nitkellmu mal-Awtoritajiet, fejn għandhom il-jedd kollu li jgħidu li jridu, u jekk hemm xi affarijiet li jistgħu jiġu rranġati, bil-qalb kollha, jekk dawn l-affarijiet huma ta' benefiċċju għal dan l-għan, aħna lesti li npoġġu bilqiegħda magħkhom, u nitkellmu.

Aħna rridu li dan iċ-ċentru ikun ĊENTRU ĦAJ, u jaħdem, u nieħdu dak li nistgħu għal dan l-għan li jsir il-ġid. Ċentru li mhux bħall ma naraw ħafna, li jiġu fix-xejn, għax nibdew, imbagħad għar-raġunijiet varji ikollu Jieqaf.

Hemm ħafna u ħafna affarijiet oħra li jistgħu jiġu nklużi f'dan, imma biex tiktibhom fuq il-karta huma faċli ħafna. Imma biex twettaqhom ikunu kemxejn diffiċli. Bħal ngħidu aħna tista' issir Kumpanija tat-Tindif, fejn ir-residenti ikollhom xogħol hekk kif jidħlu, u dan iwassal għal iktar ħajja aħjar għalihom, jistgħu imexxu loundary, fejn jieħdu ħsieb postijiet tal-gvern. Imma aħjar nieqaf hawn għax inkella ma nispiċċaw qatt.

Aħna biss qed imexxu dan iċ-ċentru, il-protagonisti huwa kull Bniedem Malti ta' qalb tajba. Hawn huwa ta kulħadd u għal kulħadd.

Grazzi Minn qalbi

Pierre Calleja
KORDINATUR DONINU
79793332

